MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2010

Numru. 834/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Portelli**

**Vs**

**JIMALE HASSAN ABDULLAHI**

**Il-Qorti:-**

Rat li l-imputat **JIMALE HASSAN ABDULLAHI** ta' tnejn u ghoxrin sena iben Jimale u Satia nee' Hussein, imwieled Somalia nhar l-ewwel ta' Jannar, 1988 u residenti gewwa Marsa Open Centre detentur tal-karta tal-identita' numru 43988(A) tressaq il-Qorti u akkuzat talli:

1. Gewwa l-Marsa nhar is-26 ta' Jannar 2010 ikkommetta serq ta' somma flus u *mobile phone* ta' l-ghamla Nokia, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u

erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) u dan sar ghad-detriment ta' Samuel Baldacchino, persuna ta' tnejn u sittin (62) sena.
2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna l-hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Samuel Baldacchino, u cioe' kkaguna feriti ta' natura hfief fuq il-persuna ta' Samuel Baldacchino, skond kif iccertifikat Dott. Melissa Borg Cauchi mill-Floriana Health Centre.
3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Samuel Baldacchino u dan kontra l-volonta' ta' l-istess persuna.
4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li ghamel id-delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fil-pussess tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u dan minghajr ghan legittimu.
5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu f'idejh jew fuqu sikkina b'xaffra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat illi fil-prezentata waqt l-interrogatorju l-imputat stqarr li huwa ma jifhimx il-lingwa Maltija w ghalhekk il-Qorti nnominat interpretu sabiex jassisti lill-imputat u jittraduci dak kollu li kien ghaddej mil-lingwa Somala ghal dik Ingliza, a beneficcju tal-imputat.

Rat id-dokumenti kollha esebiti, fosthom l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Genrali nhar l-4 ta' Novembru 2010.
Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti kif preseduta, nonostante li l-Magistrat ma semghetx hi stess *viva voce* ix-xhieda f'dan il-kaz, u dan kif verbalizzat mid-difiza fis-seduta ta' nhar is-26 ta' Novembru 2010.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif ukoll lill-imputat jixhed minn jeddu w b'mod volontarju, fl-istess jum tas-26 ta' Novembru 2010 meta gew moqrija l-Artikoli.

Ikkunsidrat:-

Illi nhar il-20 ta’ Awwissu 2010 xehed **Samuel Baldacchino** w spjega li fis-26 ta’ Jannar 2010 huwa kien gurnata xoghol fir-raba’ li jinsab bejn is-Siggiewi w Haz-Zebbug. Huwa mbaghad mar Hal-Qormi sabiex jixtri xi birra w wara rega’ mar jixrob xi zewg fliexken birra go hanut fil-Marsa. Spjega li dan il-hanut tax-xorb jinsab ftit ‘l isfel mill-Knisja tal-Marsa. Fil-hanut jghid li kien hemm xi nies Maltin li hallsulu xi *drinks* u huwa ghamel l-istess u hallas *round drinks*.

Qal li wara hareg il-kartiera mill-but biex ihallas, u fil-pront mar fuqu l-imputat u ried ihallaslu *drink*. Huwa ma riedx u spicca jghidlu sabiex ihallih u wara mar it-*toilet*. L-imputat segwih fit-*toilet* u meta lesta l-imputat talbu sabiex iwassal lil siehbu sal- Belt u li lilu jerga’ jgibu l-Marsa. Qallu wkoll li kien lest li jaghtih hamisn (50) Euro.

Spjega li meta l-imputat offrielu *drink* kien libes kappell, kellu wiccu nofs mghotti u kien qisu *cowboy*. Qal li huwa kien lest li jaccetta li jiehu lil siehbu l-Belt izda ma riedx flus minghandu. Huwa mbaghad qal lil tal-hanut li kien sejjer iwassalhom sal-Belt, u siehbu qallu ahjar le ghax kien tard pero’ xorta mar iwassalhom.

Meta waslu f’certu punt siehbu li kien riekeb fuq wara waqfu u huwa nizel, huwa mbaghad dar mix-Xatt tal-Belt u baqa’ sejjer lura lejn il-Marsa. Meta waslu hdejn il-Power Station l-imputat talbu biex jieqaf ghax ried jghamel *toilet*. Huwa mbaghad waqqaf u minufih l-imputat kien qisu ser jiftah il-bieba u hariglu mus, u meta ra hekk iggennen. Huwa qabad il-mus u wegga’ subajgh fil-process. Huwa staqsih ghaliex kien qed jaqlaghlu l-problemi w fil-fatt laqtu f’wiccu bil-mus. Talbu l-kartiera u qallu li fin-nuqqas kien lest li jaqlaghlu problemi akbar. Huwa tah il-kartiera w l-imputat harab ‘l hemm. Huwa mar l-ghassa bil-karozza w rikeb mal-pulizija w marru hdejn il-gate tal-Open Centre fil-Marsa. F’daqqa wahda gie l-imputat, li kien ghadu liebes il-kappell, u meta ra l-pulizija harbilhom ghal goc-centru ta’ l-imigranti. Il-pulizija mbaghad qalulu li kien harbilhom

izda huwa ma qatax qalbu w kompla jfittxu, w dam xi hmistax-il jum idur ‘l hawn u ‘l hinn.

Qal li fl-kartiera kellu sitt mitt Euro (€600), karta tal-identita’ w *driving license* u fuq is-*seat* kellu l-*mobile phone* tieghu u meta l-imputat hareg mill-vettura tieghu dan ma kienx hemm. Spjega li huwa ragel tal-business u kien ghalhekk li kellu l-flus fuqu. Qal ukoll li meta wegga’ mar fil-poliklinika tal-Furjana sabiex jiddewwa u kien sahansitra anke staqsa lin-nurse iccempel fuq in-numru tal-*mobile* tieghu, izda kien ghal xejn.

Qal ukoll li dakinhar li kien ser jixhed kien gie avvicinat minn persuna ta’ karnaghjon skura li qaltlu sabiex jahfer lill-imputat u li dan kien ser ihallsu.

In kontro-ezami jghid li fil-hanut tax-xorb ta’ Hal Qormi kien xorob xi tlieta jew erba’ fliexken birra w meta mar il-Marsa ha xi zewgt ifliexken ohra. Ikkonferma li dakinhar tal-incident kien dam l-ghalqa tieghu, li tikkonsisti f’ghoxrin tomna, jahratha sad-disgha ta’ bil-lejl. Qal li kien mar il-Marsa biex jixtri l-qamh u sulfat minghand wiehed maghruf bhala ta’ Stejfin li jbiegh il-gwiez, fejn is-Salib tal-Marsa. Il-vettura tieghu hija Vauxhall Nova.

Nhar id-19 ta’ Ottubru 2010 xehdet **Dr. Melissa Borg Cauchi** u kkonfermat li fis-16 ta’ Ottubru 2010 hija nvistat lil Samuel Baldacchino fic-centru tas-Sahha tal-Furjana. Qalet li huwa kellu ferita fil-forma ta ‘V’. Spjegat li l-pazjent kien qalilha li kien gie aggredit u kkofermat li din il-ferita hija kompatibbli w li sehhet bi strument bil-ponta w li jaqta’. Hija iddeskrivietha bhala ferita ta’ natura hafifa salv kumplikazzjonijiet. Hija esebiet ic-certifikat mediku li kienet irrilaxxjat u dan gie mmarkat bhala Dok MBC 1 (fol. 51).

**Anthony Bonnici** xehed nhar id-19 ta’ Ottubru 2010 in rappresentanza tas-socjeta’ Go. Huwa kkonferma li Samuel Baldacchino kellu kuntratt maghhom bil-linja numru 79090847 u dan kien inghata Nokia 2600 mal-iffirmar tal-kuntratt. L-IMEI number tieghu huwa 345190024310380. Izda qal li mill-verifiki li ghamlet is-

socjeta' GO ma irrizultalux li dan il-mobile intuza b'SIM card ohra. Qal ukoll li l-*mobile phone* kellu valur ta' mitt Euro (€100). Huwa esebixxa d-dokumentazzjoni f'dan ir-rigward, li gie mmarkat bhala Dok. ABG1 **(**fol. 54).

**PS 1051 Brian Joseph Cremona** xehed fl-istess jum tad-19 ta' Ottubru 2010 u kkonferma li nhar is-26 ta' Jannar 2010 kien mar l-ghassa tal-Belt ghall-habta tat-tlieta neqsin ghaxra ta' filghodu (2.50 a.m.) certu Samuel Baldacchino li kien irrapporta li ftit qabel huwa kien qieghed l-Amico Bar fil-Marsa, fejn dan gie avvicinat minn zewg persuni li ma kinux ta' nazzjonalita' Maltija, fejn talbuh biex jaghatihom *lift*. Qal li fit-triq l-imputat hareg mus u talbu l-flus u l-kartiera. Dan qallu wkoll li huwa pprova jirrezistih izda ma renxxilux, tant li ghamillu ferita fuq subghajh. Qal li dak il-hin kien hemm biss wiehed minn dawn il-barranin mal-vittma. Huwa esebixxa l-okkorrenza relattiva li giet immarkata bhala Dok. BJC 2 (fol 59). Qal li huwa mbaghad akkompanja lil Samuel Baldacchino sal-Amico Bar biex jara jekk isibx lill-aggressur, u wara mar mieghu hdejn ic-centru ta' l-Immigranti, w meta dan Baldacchino rah u indikahulu huwa ghajjattlu w avvicinah, izda dan lahaq telaq. Huwa mar jigri warajh goc-centru. Izda jghid li hemmhekk kien hemm hafna nies u ghalhekk tilfu. Huwa gharaf l-imputat prezenti fl-Awla bhala l-istess persuna li Baldacchino kien indika bhala l-aggressur tieghu.

**PC 984 Oreste Schembri** xehed fl-istess jum tad-19 ta' Ottubru 2010 u qal li huwa kien ghaddej f'*mobile patrol* mal-kollega tieghu PC 809 nhar il-11 ta' Awwissu 2010 fiz-zona tal-Belt u l-Marsa w ircevew struzzjonijiet sabiex imorru fit-triq tal-Marsa ghaliex kien hemm xi hadd li kien *wanted*. Huma marru hemmhekk u sid il-hanut ghamlilhom sinjal dwar min kienet il-persuna li kienet *wanted*. Huma gabruh, u hija l-istess prsuna li gharaf prezenti fl-Awla. Huma gabruh u haduh id-*depot* tal-pulizija. Ikkonferma li huma arrestaw lill-imputat ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00p.m.)

**PC 809 David Sciberras** xehed u kkonferma dak li qal PC 894 Oreste Schembri.

**Ryan Borg** xehed fit-22 ta' Ottubru 2010 u qal li huwa jiggestixxi l-hanut 'Amico Pub' gewwa l-Marsa w qal li lil Samuel Baldacchino jafu bhala klijent tal-bar tieghu. Ikkonferma li fix-xitwa li ghaddiet l-imputat kien ma' shabu, kienu hamsa b'kollox fil-bar tieghu, meta Samuel Baldacchino kien hemm ukoll, izda mhux maghhom. Ikkonferma li l-imputat talab lil Samuel biex iwasslu, izda huwa ma kienx tal-fehma li ghandu jwasslu. Samuel kien qallu li ser jipprova jizgiccalu, izda l-imputat hareg ghal warajh u mieghu kien mar siehbu iehor. Jghid li huwa ma xtaqx li Samuel iwassal lill-imputat peress li huwa ghandu l-eta' w ftit qabel kien ra lill-imputat fi glieda w kien sahansitra anke hareg mus ghal iehor. Ikkonferma li dakinhar li mar jixrob Samuel ghandu nnota li fil-kartiera kellu hafna flus u jaf ukoll li kellu jmur jixtri minghand tal-gwiez, izda kien sabu maghluq. Jghid li kien hu li cempel lill-Ispettur Portelli biex jghidlu li l-imputat kien qieghed ghandu fis-sajf meta marru u arrestawh minn quddiem il-hanut tieghu.

**WPC 66 Pauline Bonello** xehdet nhar it-22 ta' Ottubru 2010 u kkonfermat li mill-verifiki li hija ghamlet fuq l-imputat dan m'ghandux licenzja sabiex izomm armi. Hija esebiet dokument mahrug ghal dan il-fini li gie mmarkat bhala Dok PBP 1.

**PS 8 Stephen Bezzina** gie muri d-dokument esebit fl-atti a fol. 12 tal-process immarkat bhala Dok. AB2 u kkonferma li dik hija d-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd tal-parir legali waqt l-interrogatorju. Jghid li huwa kien prezenti ghall-iffirmar ta' din id-dikjarazzjoni, kif ukoll fil-mument meta l-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet, li jinsabu esebiti fl-atti u mmarkati bhala Dok AB3 u Ab4 rispettivament. Huwa kkonferma li l-imputat irrilaxxja l-istqarrijiet tieghu wara li nghata s-solita twissija skond il-ligi. Qal ukoll li waqt it-tieni nterrogatorju l-imputat offra li jirritorna l-*mobile phone* u huwa mar jakkumpanjah fl-Open Centre, u l-imputat kien qallu li poggih go borza taht is-sodda, w meta marru jfittxuh ma kienx ghadu hemm.

**PC 327 Sean Pace** gie muri d-dokument esebit fl-atti a fol. 12 tal-process immarkat bhala Dok AB2 u kkonferma li dik hija d-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd tal-parir legali waqt l-interrogatorju. Qal ukoll li huwa kien akkompanja lill-imputat flimkien ma' PS Bezzina fl-Open Centre u dan ghaliex l-imputat kien qallu li pogga l-*mobile phone* (li kien seraq) go borza taht is-sodda, w meta marru jfittxuh flimkien ma sabuhx.

Semghet lill-imputat **Jimale Hassan Abdullahi** jixhed minn jeddu nhar is-26 ta' Novembru 2010 u jghid li verament kien rikeb ma' Samuel Baldacchino w li kien serqu, izda jghid li fil-kartiera kien hemm biss mitejn Euro (€200). Jghid li huwa minnu wkoll li kien seraq il-*mobile phone* tal-imputat. Mistoqsi dwar il-mus jghid li dan kien ta' Samuel u mhux tieghu, pero' fl-ebda hin ma jghid li ma ggrediex lil Samuel jew li ma kkagunalux ferita.

L-imputat kien ukoll irrilaxxja zewg stqarrijiet li jinsabu esebiti fl-atti w f'dik immarkata bhala Dok AB3 l-imputat jaghti l-istess versjoni tal-fatti kif graw. Jghid li verament kien fil-bar Amico fil-Marsa jixrob ma' xi nies ohra Somali, verament kien hemm Samuel Baldacchino, verament talbu sabiex jaghti *lift* lil siehbu sal-Belt, verament rikbu t-tnejn mieghu, huwa quddiem u siehbu fuq wara, verament meta waslu l-Marsa talab lil Samuel jieqaf ghaliex kellu bzonn jghaddi l-awrina, izda ghalkemm jghid li verament ipponta sikkina lejn dan ir-ragel jghid li s-sikkina sabha fil-vettura, jghid pero' li verament talbu l-kartiera. Jghid ukoll li dan ir-ragel ipprova johodlu s-sikkina minn idejh, izda mbaghad talaqhielu. Jghid li verament ha l-kartiera, ghalkemm kien fiha biss mitejn Ewro (€200) u meta wasal hdejn l-Open Centre ramiha. Fit-tieni stqarrija, Dok AB 4 jammetti li ha l-*mobile phone* tal-imputat, u dan baqa' ghandu ghaliex ma setax juzah ghax kien *locked*.

Rat illi fi-process kien hemm miktub li l-Ispettur Anthony Portelli kien xehed nhar it-13 ta' Awwissu 2010, kif jirrizulta mill-verbal tal-process (fol. 7), pero' x-xhieda tieghu ma kinitx inserita fil-process u ghalhekk il-Qorti kkomunikat ma' dan l-Ufficcjal u talbitu sabiex iressaq lill-

imputat quddiemha sabiex jigi stabbilit dan il-fatt u jara jekk ghandux jerga’ jaghti x-xhieda tieghu in vista ta’ dan in-nuqqas.

Illi nhar id-disgha w ghoxrin ta’ Novemberu 2010 l-Ispettur Anthony Portelli rega’ ta x-xhieda tieghu u spjega l-investigazzjoni li hu ghamel b’relazzjoni ghal dan il-kaz. Spjega kif nhar is-sitta w ghoxrin ta’ Jannar 2010 huwa kien gie mgharraf li l-persuna ta’ Samuel Baldacchino giet aggredita minn persuna Somala li sussegwentement irrizulta li kienet l-imputat odjern.

Illi huwa kien interroga lill-imputat f’Awissu 2010 u dan ghaliex ma setax jigi rintraccat qabel u kien biss bl-ghajnuna ta’ Ryan Borg, sid l-Amico Bar li l-imputat gie rintraccat.

L-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet b’mod volontarju w sahansitra anke nghata d-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju, liema dritt pero’ irrifjuta ghalih, u kkonfessa mal-Ispettur li verament kien ipponta sikkina lejn il-vittma bil-ghan li johodlu l-kartiera, u dan wara li huwa kien ta *lift* lil siehbu mill-Marsa sal-Belt.

L-imputat ikkonfessa wkoll mieghu li kien seraq il-*mobile phone* ta’ Baldacchino dakinhar li kien riekeb mieghu izda jsostni li fil-kartiera kien hemm biss mitejn Ewro (€200) u mhx sitt mitt Ewro (€600) kif allega l-vittma.

L-Ufficjal Prosekutur jghid ukoll li fuq il-persuna tal-imputat huwa rriskontra diversi feriti fuq dirghajh pero’ l-imputat baqa’ jsostni li s-sikkina li kellu f’idejh ma kinitx tieghu izda kienet tal-vittma u kien sabha fil-vettura.

Il-partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi migbura fis-seduta tad-29 ta’ Novembru 2010.

**Ikkunsidrat:**

Ma hemmx dubbju li din il-kawza tiddependi fuq il-kredibilita tax-xhieda li semghet il-Qorti, ghalkemm

diversament preseduta, fil-maggor parti, u dan wara li ghamlet apprezzament taghhom ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9. Ghalhekk bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom, jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Din il-Qorti ghalkemm mhix f'posizzjoni vantaggjata bhal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija m'ghexitx il-process tul medda taz-zmien, u ma semghetx ix-xhieda kollha jixhdu *viva voce* quddiemha, w ma ezaminatx l-imgieba u l-komportament taghhom stante li ma kienitx hija stess li kkonstatathom, u x'interess seta' kellu kull xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Ghalkemm thoss li l-aktar xhud importanti ghad-difiza kienet ix-xhieda li ta l-imputat, u dan hu proprju x-xhud li semghet din il-Qorti u ghalhekk setghet tikkonstata l-imgieba tieghu hija stess. Dan nonostante kollox jiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda u dan hu proprju l-ezercizzju li ghamlet din il-Qorti.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migubra u thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew li l-imputat qed jghid il-verita' u cioe' li seraq biss mitejn Ewro u *mobile phone* u li s-sikkina ma kinitx tieghu, jew m'huwiex. Pero' fic-cirkostanzi kif inhuma u kif jirrizultaw fil-process, din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-imputat ma qalx is-sewwa kollha meta ddepona, u fil-fatt halla ftit dettalji barra minn kif iddeskriva l-incident, li huma ta' portata mportati.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputati, huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale - vol III Kap IV*** pg. 236 Ediz. 12 - 1890:

"*il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornire, spetta ai chi accusa onus probandi incumbit qui asserit***.**"

Il-Qorti hawnhekk taghti spjegazzjoni tat-tifsira wzata komunement, u cioe' li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz

taghha *beyond a reasonable doubt*, li tipprova kaz dettat bla dubbju, dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti ma tistax ma tikkummentax fuq il-manjiera professjonali ta' prosekuzzjoni li saret mill-Ufficjal Prosekutur b'lealta' kbira lejn il-Qorti u b'sens ta' gustizzja lejn l-imputat u dan ghaliex ma halla, kif jghidu l-Inglizi *'no stone unturned'* u tawgura lill-istess Ufficjal Prosekutur ikompli jaghmel xoghlu b'din il-lealta'.

Fl-ewwl kaz l-imputat huwa akkuzat bir-reat ta' serq aggravat bil-hin, vjolenza, valur, xorta tal-haga misruqa.

Jekk wiehed janalizza l-Kodici Penali taghna, ma jsibx definizzjoni tal-kuncett ta' serq, ghalhekk in-nozzjoni tas-serq tista' *prima facie* tidher facli w ta' intelligenza vulgari, mandankollu, r-reat ta' serq dejjem ta lok ghal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali.

Hija l-prattika kostanti tal-Qrati taghna li jadoperaw id-definizzjoni moghtija minn **Carrara** fi ***Programma Speciale*** (Vol IV, para 2017); (vide Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Tanti** deciz fid-disgha ta' Sdicembru, 1944 – vol XXXII(e); IV – 814).)

Il-**Carrara** jghid :

*"Il furto e' la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro."*

Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissussisti s-serq irid ikollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe':

a. il-*contractatio* tal-haga;
b. li tappartjeni lil terzi;
c. li gew maghmula b'mod frawdolenti; u
d. *animo lucrandi*.

Ghalhekk meta nghidu li sabiex jissussisti s-serq il-*contracetatio* tar-*res aliena* irid isir b'mod frawdolenti, rridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-dannu ta' terzi. Huwa mportanti *sine qua non* biex jigi ppurvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-*mens rea* mhux biss it-tehid tar-*res aliena* izda l-intenzjoni <u>li ser isir akkwist</u> – *animo di farne lucro*. Il-*contracetatio* ma hix bizzejjed, imma hemm bzonn li tkun saret *invito domino* u *luci faciendi gratia*.

Infatti r-rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess *mediante sottrazione senza violenza personale* kif jghid **Manzini**

*"… presupposto essenziale del furto e' la mancanza del posesso del agente."*

Ghalhekk kif tajjeb spjegat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija v S. Pisani**</u>, deciza nhar d-dsatax ta' Frar, 1942, sabiex tezisti il-vjolazzjoni tas-serq, mhux biss l-oggett irid jigi mehud, izda li t-terz jigi spussessjat mill-oggett. Kwantu ghar-rekwizit ta' *invito domino* huwa intuwittiv li l-kunsens tas-sid jidderimi r-reat ta' serq.

Issa fil-kaz in ezami m'hemmx dubbju li l-imputat seraq il-kartiera u l-*mobile phone* li kienu jappartjenu lil Samuel Baldacchino waqt li kienu fil-vettura tieghu sejrin lejn il-Marsa nhar is-26 ta' Jannar 2010 fis-sieghat bikrin ta' fil-ghodu, w dan waqt li l-istess imputat jghid li hu stess ipponta sikkina fil-konfront tieghu. Illi ghalhekk a bazi ta' din l-istqarrija l-imputat ghandu jinstab hati tar-reat ta' serq aggravat bil-hin, stante li kien wara nzul ix-xemx u qabel it-tlugh tax-xemx, bin-natura tal-haga misruqa stante li s-serq sar minn go karozza. Issa dwar l-aggravju tal-valur l-imputat jghid li l-kartiera kien fiha biss mitejn Euro (€200) waqt li sidha Samuel jghid li kellu sitt mitt Ewro (€600). Ryan Borg jikkonferma li dakinhar huwa kien ra dak li kien

hemm fil-kartiera ta' Samuel Baldacchino, w li kien ha l-imputat, li kellu hafna karti w ghalhekk dak li xehed il-vittma Samuel Baldacchino ghandu aktar mis-sewwa u l-Qorti hija tenuta temmen lilu. Id-difiza stqarret li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova l-valur tal-*mobile phone*, bir-rispett kollu din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-linja difensjonali ghaliex minn ezami tal-provi jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ppruvat li l-*mobile phone* kien jiswa mitt Ewro (€100) gdid, kif *del resto* xehed Anthony Bonnici in rappresentanza tal-GO, u skond id-dokument esebit minnu dan gie moghti lill-imputat fit-30 ta' April 2009 u cioe' kwazi sena qabel l-incident u ghalhekk il-valur tieghu zgur li kien inqas minn mitt Euro. Dan nonostante l-*quantum* tal-flus li gew misruqa jeccedi il-mitejn u tlieta w tletin Ewro (€233) u ghalhekk l-aggravju tal-valur jirrzulta wkoll. Dwar l-aggravju tal-vjolenza l-Qorti rat li l-imputat seraq il-flus minghand l-vittma bl-uzu ta' sikkina, meta ppontaha lejh u b'hekk il-vittma gie intimidat u ferut u rrilaxxja l-kartiera minn idejh. B'hekk l-aggravju skond l-Artikolu 261 (1) (a) jirrizulta wkoll.

Dwar it-tieni akkuza u cioe' li l-imputat ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Samuel Baldacchino jirrizulta mix-xhieda ta' Samuel Baldacchino, li l-imputat ferieh b'xafra ta' mus. L-imputat ma jaghmel l-ebda referenza ghal dan, la fix-xhieda tieghu u lanqas fiz-zewg stqarrijiet li rrilaxxja w ghalhekk ix-xhieda tal-vittma bl-ebda mod ma giet kontradetta minn prova ohra. Anzi semmai jirrizulta mix-xhieda li tat Dr. Cauchi Borg li l-imputat kellu ferita ta' natura hafifa friska, nhar is-26 ta' Jannar 2010 u li kienet hi li dewwietu. Ghalhekk din it-tieni akkuza tirrizulta wkoll.

L-imputat gie akkuzat talli ssekwestra jew zamm bla ordni skond il-ligi lill-vittma Samuel Baldacchino ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-artikolu 86 tal-Kap 9 jiddisponi li**:

"*Kull min bla ordni skond l-ligi t'awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, jarresta, jzomm jew jissekwestra lil xi*

*persuna kontra l-volunta' taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata*."

Illi ghalhekk minnufih jirrizulta li bniedem jista' jinstab hati ta' din l-akkuza *una volta* w principalment m'ghandux ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti, u dan hu partikolarment li l-imputat ma kellux awtorita' skond il-ligi t'awtorita' kompetenti biex jarresta lil xi hadd. Izda min-naha l-ohra, jista' jinghad li dan b'xi mod arresta, zamm jew issekwestra lil Samuel Baldacchino?

Din il-Qorti tara li l-element tal-artikoli relevanti ghal dan il-kaz huma tnejn ghal dak li jirrigwarda definizzjoni. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna w it-tieni hu li tali sekwestru ghandu jsir kontra l-volonta' tal-persuna sekwestrata. L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi, fil-fehma tal-Qorti, t-tehid jew it-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista' jiehu w l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza.

Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt lil persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru" f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatura tas-sub-artikolu tal-Kap 9 li tahtu jaqa' dan l-artikolu <u>l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat tal-awtorita' pubblika</u> jindika li taht dan l-Kap jaqa' agir li jekk kommess minn min ghandu awtorita' ma jkunx punibbli. It-teorija tal-arrest illegali, abbraccjat ghalhekk mhux biss l-arrest fiziku u furzat, imma l-arrest bl-ingann.
Fi kliem l-awturi **Smith & Hogan** l-arrest jissusisti '*by words alone if one submits.*' [vide **<u>Il-Pulizija v Albert Cassar</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Novembru 1990.]

**Maino** fil-ktieb tieghu **Commento al Codice Penale** jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bhall-Artikolu 86 taghna a fol 112 para. 788; Vol II billi jghid:

"*Il sequestrato richiede che la privazione della liberta' sia <u>assoluta</u> e avvenga in circostanze tali da togliere alla vittima <u>ogni</u> possibilita' di scampo o di soccorso*".

**Antolisei** fil-ktieb tieghu **Manuale di Diritto Penale** Ediz. 1977; pg. 134 jghid:

"*Le fatti specie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta' non e` totale ma occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E' necessario per altro che la perdita' della liberta' si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo.*"

L-ewwel nett zgur li hu pacifiku li l-imputat ma kellux ordni skond l-ligi ta' awtorita' kompetenti biex jarresta lil xi hadd. Izda min-naha l-ohra jista' jinghad li huwa b'xi mod arresta, zamm jew issekwestra lill-vittma? L-imputat kien fil-vettura mal-vittma pero' fl-ebda hin ma l-vitma jghid li huwa sab ruhu f'xi diffikolta' li jitlaq minn fuq il-post jew li huwa f'xi hin gie mizmum mill-aggressur tieghu. Lanqas ma jghid li huwa hassu tant intimidat li infixel u ma setax johrog mill-vetura. Fil-fatt lanqas referenza wahda ma hemm li huwa pprova jahrab mill-aggressur tieghu. Ghalhekk din l-akkuza ma tirrizultax provata u konsegwentement lanqas l-aggravji moghtija mill-prosekuzzjoni ai termni tal-Artikolu 87 (1) c) u (e) ma jirrizultaw provati.

Fir-raba kaz gie akkuzat talli kellu fil-pusess tieghu sikkina minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan ai termini tal-Artikolu 6 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ghandha zewg versjonijiet tal-fatti u cioe' dik tal-vittma li jghid li l-imputat kellu sikkina u aggredih biha w fil-fatt ferieh, u dik il-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputat li jghid li huwa sab sikkina fil-vettura tal-imputat, qabadha w ippuntaha fid-direzzjoni tal-vittma.

Il-Qorti pero' thoss li x-xhieda moghtija mill-vitma hija aktar kredibbli u ghalhekk tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta' din l-akkuza wkoll.

Il-Qorti rat il-Fedina Penali tal-imputat esebita a fol. 3 tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat m'ghandu l-ebda reat jew kontravenzjoni registrati fuqha, w ghalhekk din il-

Qorti ghandha titratta mieghu bhallikieku huwa *a first time offender*.

Il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi u **cioe' l-Artikoli 23, 31, 86 u 87 (1) (c) (e), 214, 217, 221 (2), 222A (1), 261 (a) (c) (f) (g), 261 (a) (b) (2) , 267, 270, 271 (g) 274 (c), 276 A, 277 (a) 279 (a), 280 (2) (3) u 281, 533 tal-Kodici Kriminali u l-Artikoli 6, 51 (7) 55, 56, 57, 60 u 61 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tiddikjara li qed issib lill-imputat JIMALE HASSAN ABDULLAHI hati tal-akkuzi kollha salv u b'eccezzjoni ghall-akkuza ta' sekwestru ta' persuna bl-aggravji taghha minn liema akkuza qeghda tilliberah, u tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' tmintax-il xahar. Tordna wkoll li l-imputat ma jinghatax licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija taht l-Ordinanza tal-Armi (Kap 480) ghall-perijodu ta' hames (5) snin millum.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qori tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-inkjesta w tal-esperti, il-Qorti nnotat li ma kien hemm l-ebda spejjez maghmula ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------